**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Simone Grech LL.D.**

Assunta Josephine sive Josephine armla ta' Consiglio D'Aamto, Consuela Cini D'Amato, Consiglio D'Amato u Sabienne D'Amato

vs

Abe Adrian Repcenko

Rikors Numru: 86/2020 SG

Illum, 22 ta' Lulju, 2020

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jaqra hekk:

*Dan ir-rikors qed isir a tenur ta' l-artikolu 16A tal-Kap 69 u ghalhekk l-intimat ghandu jidher quddiem il-Bord fil-gurnata u l-hin li jigu notifikati lilu. L-intimat huwa avzat ili dawn huma proceduri specjali sommarji fejn sentenza tista' tinghata fl-ewwel seduta tas-smiegh jekk l-intimat ma jidhrix jew jekk jonqos milli juri li ghandu difiza valida xi jressaq ghat-talbiet tar-rikorrenti.*

1. *Illi permezz ta' ftehim tas-7 ta' Novembru 2019 huma krew lill-intimat il-fond Villino Opta, Triq il-Principessa Elizabetta Ta' Xbiex u anke l-garage numru 33 fl-istess triq that il-pattijiet u kundizzjonijiet stipulate fl-istess kuntratt versu l-kera ta' EUR 1,500 fix-xahar u dan ghall-perjodu minn dakinhar sal-31 ta' Jannar 2020.*
2. *Illi meta skada l-imsemmi zmien, il-partijiet waslu ghall-ftehim ta' tgidid li gie ffirmat fl-24 ta' Frar 2020 ghall-perjodu ta' xahrejn b' effett mill-31 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' MArzu 2020 versu l-istess kera ta' EUR 1,500 fix-xahar.*

3. *Illi l-intimat ma hallasx il-kera li tkopri mil-24 ta' Dicembru 2019 'il quddiem. L-ahhar pagament ta' kera kien ta' EUR 1,500 fl-20 ta' Frar 2020 li kopriet mill-24 ta' Novembru 2019 sat-23 ta' Dicembru 2019.*
4. *Illi l-esponenti u anke l-intimat ippruvaw jirregistraw il-ftehim ta' tigdid ma' l-awtorita' tad-djar izda dawn wiegbu ili tali ftehim ulterjuri ma setghax jigi registrat billi l-perjodu minimu kellu jkun ta' sitt xhur.*
5. *Illi l-esponenti offrew lil-intimat li jikru l-fond ghall-perjodu ta' sitt xhur b' effett mill-31 ta' Jananr 2020 izda l-intiamt irrifjuta li jaccetta u ghalhekk tali offerta m' ghadiex accettabbli.*
6. *Illi l-intimat qieghed jokkupa l-fond fuq imsemmi minkejja li l-kirja skadiet.*
7. *Illi ghalhekk japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 u dan stante li l-intimat m' ghandux difiza valida xi jressaq ghal din l-azzjoni.*
8. *Illi qed jigi anness affidavit tar-rikorrenti li jikkontjeni l-fatti relattivi ghat-talba u li jikkonferma li l-istess fatti huma a konjizzjoni tal-istess rikorrenti.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu:*

i. *Jiddeciedi l-kawza bil-procedura sommarja spejcali a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;*
ii. *Tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-proprjeta' fuq imsemmija fi zmien qasir u perentorju li hekk jigu lilu ffissat.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni u b' rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.*

Ra d-dikjarazzjoni guramentata;

Ra n-nota tal-intimat ipprezentata fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2020;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra l-verbal maghmul fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2020;

Stante n-nota ta' ammissjoni pprezentata mill-intimat, dan il-Bord sejjer jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti fl-intier taghhom, u qieghed jipprefiggi terminu perentorju ta' xahar mill-lum ghall-izgumbrament mill-fond, 'Villino Opta', Triq il-Principessa Elizabetta, Ta' Xbiex, Malta, u l-garaxx numru 33 fl-istess triq.

Spejjez kif mitluba a karigu tal-intimat u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.

Dr Simone Grech

Magistrat

Janet Calleja

Deputat Registratur